# IL-ĦABS LI MA TISTAX TAĦRAB MINNU TA' L-ATEIŻMU

**<u>Ateu</u>** – persuna li tikkonferma: "Jiena <u>naf</u> li ma hemmx Alla."




Din hija wirja djagrammatika tal-pożizzjoni ta' ateu. Sabiex "jeħles" lilu nnifsu minn dan il-ħabs, l-ateu għandu jsib "bibien" f'kull **wieħed** minn dawn il-ħitan tal-ħabs.

Sabiex jikkawża bibien biex jidhru fil-ħitan tal-ħabs, l-ateu għandu **jipprova** (!) kull waħda mill-propożizzjonijiet li jagħmlu "l-ħitan."

*Għajr jekk l-ateu jista' jsib "bieb" minn <u>kull wieħed</u> minn dawn il-ħitan tal-ħabs, huwa jkun biċ-ċar megħlub!*

*Għajr jekk huwa jista' <u>jipprova</u> kull propożizzjoni li hija tassew, huwa ma jistax jipprova, "Jiena NAF li ma hemmx Alla."*

1. Għalkemm l-ateu ma jistax jipprova li Alla ma jeżistix, huwa *jemmen* li Alla ma jeżistix.
   a. "Li wieħed ikun *jaf* li Alla ma jeżistix, dan għandu jkun jaf kollox u li jkun kullimkien, għaliex il-ħaġa li huwa ma kienx jaf tista' tipprova l-eżistenza ta' Alla.
   b. Huwa għandu jkun jaf il-kawżi kollha li qatt operaw, għaliex il-kawża waħda li hu ma jkunx jaf tista' tkun Alla.
   c. Il-persuna li kellha karatteristiċi bħal dawn tkun Alla Nnifsu!
   d. Għalhekk, l-Ateu, biex ikun konsistenti, għandu jkun Alla fih innifsu. Ma hemmx Ateisti reali, hemm biss idolatri li jaduraw lilhom infushom li poġġew lilhom infushom bħala divinitajiet.
   e. L-Ateu ma jistax iġib lura dan l-argument u jgħid li wieħed għandu jkun jaf kollox sabiex ikollu raġuni biżżejjed ħalli jemmen f'Alla.
   f. Ħafna linji ta' xhieda juru li huwa raġjuevoli li taċċetta lil Alla u li mhuwiex raġjunevoli li ma taċċettaħx.
   g. Aħna neħtieġu li nkunu nafu għallinqas xi ftit mix-xhieda, imma ma neħtiġux li nkunu nafu x-xhieda kollha.
2. L-Ateu jirredikola l-ħsieb, il-konċett ta' Alla Etern, madankollu huwa nnifsu *jemmen* fl-eżistenza eterna tal-materja.
   a. It-twemmin tiegħu fl-eżistenza eterna tal-materja mhux biss huwa mingħajr xhieda raġjunevoli, dan huwa kuntrarju għal waħda mill-aħjar liġijiet stabbiliti xjentifiċi, it-tieni Liġi tat-Termodinamika, li turi, li l-univers qiegħed "sejjer l-isfel" u għalhekk, kellu oriġini.
   b. Ukoll, huwa aktar raġjunevoli biex temmen li MOHH (Alla) jipproduċa l-materja, l-ħajja, u l-konxjożità umana u l-intelliġenza.
3. L-Ateu *jemmen* li l-ħajja spontanjament ħarġet minn materja mingħajr ħajja.
   a. Dan huwa kuntrarju għax-xhieda ssuġġerita mil-liġi msejħa "l-Liġi tal-Bijoġenesi" li tafferma li l-ħajja tista' tiġi *biss* minn ħajja li kienet teżisti qabel. It-teorija ta' ġenerazzjoni spontanja, kif wieħed li ma jemminx f'Alla ammetta, "hija l-bogħod biex tkun ippruvata, u huwa improbabbli li prova sodisfaċenti qatt tista' tasal." (Alford M. Eliot, Zoology, p. 33.)